**Il-membri ta' l-familji tal-persuni b'diżabilità intellettwali qalu li:**

1) għandna nħarsu d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità intellettwali;

2) il-persuni b'diżabilità intellettwali għandhom jitgħallmu dwar id-drittijiet u r-responsabilitajiet tagħhom;

3) l-edukazzjoni hi importanti ħafna għal persuni b'diżabilità intellettwali;

4) irridu naħsbu ukoll f'dawk il-persuni li, minħabba li għandhom diżabilità intellettwali kbira ħafna, ikollhom bżonn lil xi ħadd biex jitkellem għalihom;

5) il-ġenituri għandhom jagħtu sapport lil uliedhom biex dawn jitgħallmu jkunu indipendenti kemm jista' jkun;

6) is-servizzi għall-persuni b'diżabilità intellettwali jridu jkunu addattati għalihom u jagħtu każ tagħhom bħalha individwi.



Pictures from People FIRST 020 7485 6660


Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità
Ċentru Ħidma Soċjali
Istitut Vincenzo Bugeja
Santa Venera

Tel: 21 487 789
Fax: 21 484 609
Textelefon: 21 446 536
Email: helpdesk@knpd.org
www.knpd.org


Nghożżu d-Diversità – Diskriminazzjoni Qatt – www.stop-discrimination.info


L-ispejjeż għal-laqgħat fil-proċess ta' konsultazzjoni u għal dan ir-rapport ġew imħallsa mill-Programm 'Azzjoni tal-Komunità biex Tiġġieled id-Diskriminazzjoni' ta' l-Unjoni Ewropea. Dak li hemm miktub f'dan ir-rapport mhux bilfors li hu l-istess bħall-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

Dan il-fuljett jista' jinkiseb fuq awdjo, fuq il-websajt u f'rapport itwal.


**Format: faċli biex taqra**



# Self-Advocacy
# Ħajjitna niddeċiduha aħna

Dan il-fuljett jiġbor fil-qosor dak li jaħsbu n-nies dwar is-***self-advocacy*** tal-persuni b'diżabilità intellettwali.

2006

Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità

***Self-advocacy*** **tfisser li persuni b'diżabilità intellettwali jitkellmu għalihom infushom u jieħdu deċiżjonijiet dwar ħajjithom huma stess, bis-sapport fejn hemm bżonn.**

**Dan hu dak li għandu jsir:**

- il-persuni b'diżabilità intellettwali huma adulti u għandhom bżonn rispett;
- is-*self-advocacy* trid tkun mod kif il-persuni b'diżabilità intellettwali jgħixu ħajjithom kollha;
- il-persuni b'diżabilità intellettwali jridu jsiru jafu dwar id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom;
- is-*self-advocacy* għandu jgħin biex persuni b'diżabilità intellettwali jiddeċiedu għalihom infushom bis-sapport li għandhom bżonn;
- fejn hemm bżonn, id-deċiżjonijiet għandhom jeħduhom il-persuni b'diżabilità intellettwali flimkien ma' membri tal-familji li jieħdu ħsiebhom u dawk li jaħdmu magħhom;
- is-sapport li jingħata għandu jkun skond il-bżonnijiet tal-persuna b'diżabilità intellettwali;
- tajjeb li nitgħallmu minn dak li qed isir f'pajjiżi oħra;



- il-persuni b'diżabilità intellettwali għandhom bżonn ta' informazzjoni faċli biex taqra u ta' trasport u postijiet aċċessibbli;
- importanti ħafna li l-persuni b'diżabilità intellettwali jitkellmu u jisimgħuhom fil-laqgħat meta jsiru deċiżjonijiet dwar il-ħajja ta' kuljum tagħhom;
- persuni b'diżabilità intellettwali għandhom bżonn taħriġ fis-*self-advocacy* biex isemmgħu leħinhom u jieħdu deċiżjonijiet;
- persuni oħra li jaħdmu mal-persuni b'diżabilita intellettwali wkoll għandhom bżonn ta' taħriġ biex ikunu jafu kif għandhom jagħtu sapport fis-*self-advocacy*;
- għandu jkun hemm gruppi tas-*self-advocacy* fil-għaqdiet u servizzi kollha li jaħdmu mal-persuni b'diżabilità intellettwali;
- l-akbar għan għandu jkun li l-persuni b'diżabilità intellettwali f'Malta jsemmgħu leħinhom u jieħdu deċiżjonijiet f'kull livell.



**Il-persuni b'diżabilità intellettwali qalu li:**

1) jridu li n-nies ta' madwarhom jagħrfu dak li huma kapaċi jagħmlu weħidhom u jagħtuhom għajnuna u sapport fejn ikollhom bżonn;

2) jridu li jkollhom xogħol u li jkomplu jitgħallmu;

3) jridu li jagħmlu attivitajiet differenti biex isiru kapaċi jagħmlu aktar affarijiet;

4) jridu li l-istaff ikunu jafu aktar kif għandhom jaħdmu magħhom;

5) jridu li jkollhom opportunitajiet joħorġu, jitħalltu man-nies u jagħmlu ħbieb ġodda.



**Dawk li jaħdmu mal-persuni b'diżabilità intellettwali qalu li:**

1) is-*self-advocacy* hu d-dritt tal-persuni b'diżabilità intellettwali. Hu ukoll id-dmir ta' dawk li m'għandhomx diżabilità li jaraw li dawn il-persuni jipprattikaw is-*self-advocacy*.

2) il-laqgħat fi gruppi tas-*self-advocacy* għandhom isiru għal kulħadd. Kull persuna b'diżabilità intellettwali tista' tagħti sehemha - min ħafna u min ftit.

3) il-persuni b'diżabilità intellettwali għandhom bżonn ta' taħriġ fis-*self-advocacy* biex huma jitgħallmu dwar kif jitkellmu għalihom infushom u jagħmlu għażliet tajba.

4) l-iskejjel għandhom jisimgħu dak li jgħidu l-istudenti b'diżabilità u għandhom jaraw li dawn ikunu verament inklużi.

5) is-soċjetà trid ukoll tagħti s-sehem tagħha.

6) il-persuni b'nuqqas ta' saħħa mentali jiltaqgħu ma' ħafna diffikultajiet li jixbhu lil dawk li għandhom diżabilità intellettwali. Dawn iż-żewġ gruppi għalhekk jistgħu jitgħallmu mingħand xulxin.